# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI
# IMHALLEF
# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

**Seduta tat-Tnejn, 27 ta' Marzu, 2000**

**Numru: 3**

**Citazzjoni Numru: 897/92 JF**

**Dr. Godwin Aquilina LL.D. fil-kwalita' tieghu ta' Legal Executive f'isem u ghan-nom tas-socjeta' Simonds Farsons Cisk Limited**

**-vs-**

**Godwin Abela f'isem u in rapprezentanza tal-Cargo Handling Company Limited;**

**Joseph Apps f'isem u in rapprezentanza ta' Sea Malta Company Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni li biha l-attur nomine ippremetta:-

"Illi d-ditta attrici Simonds Farsons Cisk Limited kienet ordnat kwantita' ta' fliexken tal-hgieg li kellhom jigu trasportati ghal Malta

minn Leghorn, l-Italja, li tghabbew fuq l-M.V. Pinto bil-Polza ta' Kariku numru 113 tat-13 ta' Lulju 1991, bil-marki kif jidher mill-istess Polza ta' Kariku li kopja taghha qed tigi esebita ma' dina ic-citazzjoni;

Illi dan il-vapur wasal Malta fl-14 ta' Lulju tal-1991, u l-merkanzija giet skarikata fis-16 ta' Lulju 1991, u minn verifiki li saru nstab li 2028 flixkun kienu miksura;

Illi dawn il-fliexken miksura jiswew Lm341.71,8 danni sofferti mid-ditta attrici;

Illi l-konvenuti, jew min minnhom, hu responsabbli ghall-imsemmi hsara;

Talab li l-konvenuti nomine jew min minnhom:-

1. Jigu dikjarati responsabbli ghall-ksur tal-2028 flixkun tal-hgieg, formanti parti mill-merkanzija mportata f'Malta mid-ditta attrici; u

2. konsegwentement, huma, jew min minnhom, jigu kkundannati jhallsu lill-attur nomine in linea ta' danni l-imsemmija somma ta' Lm341.71,8 (tlett mija u wiehed u erbghin liri Maltin, wiehed u sebghin centezmu u tmien millezmi).

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuti."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-attur nomine;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Joseph Apps f'isem u in rapprezentanza tas-socjeta' Sea Malta Company Limited li biha eccepixxa:-

> "In-nuqqas ta' responsabilita' tas-socjeta' konvenuta stante l-klawsola fil-polza tal-kariku "said to contain shippers count and tally";
>
> Fil-mertu li kif jirrizulta mit-tally sheets il-merkanzija giet rilaxxata mill-vapur minghajr ebda rimarka u ghalhekk ikkonsenjata fi stat tajjeb."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut Joseph Apps nomine;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Godwin Abela nomine li biha eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok ghandha tigi ippruvata l-allegata surroga;

2. Illi fit-tieni lok it-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut nomine huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-merkanzija in kwistjoni kienet fi tnax-il container (Open Containers) u gew konsenjati fl-istess ammont u stat kif waslu Malta u gew rilaxxati lil "Consignees or his authorised agent" bhala "full load containers";

3. Illi fit-tielet lok u bla pregudizzju ghall-premess l-interessi jiddekorru mid-data tac-citazzjoni, stante li si tratta dwar kawza ta' danni. (Sentenza ta' l-Appell Sede Kummercjali deciza fis-sitta ta' April 1992 - Citazz. Nru: 112/86 "Dr. Robert Staines u Walter Camilleri vs Godwin Abela u John Cavallo u Chev. Silvio Mifsud").

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata w il-lista tax-xhieda ta' l-istess konvenut Godwin Abela nomine;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet Ulterjuri tal-konvenut Godwin Abela nomine li biha eccepixxa:-

1. "Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia sollevati, il-konvenut Godwin Abela nomine ma hux responsabbli ghall-allegati danni u dana ai termini ta' l-Artikolu 70 tal-Port Regulations 1966, peress li tali containers huma "Unitised Cargo", tinghata biss ricevuta bhala tali "Unitised Cargo";

2. Illi di piu' a bazi ta' l-Artikolu 90 u Schedule 13, tali merkanzija minhabba l-kobor taghha, l-importatur jaf li tinhazen "in the open and always at the sole risk of the owner" u ghalhekk f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom flimkien mad-dokumenti li gew esebiti u semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament ukoll is-sentenza ta' din il-Qorti, kif dakinhar diversament presjeduta, moghtija fid-29 ta' Mejju 1996 u dik moghtija mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru 1998 li ddikjarat l-ewwel decizjoni nulla u bla effett fil-ligi u ordnat li l-atti jigu rimessi quddiem din il-

Qorti ghall-kontinwazzjoni u biex qabel xejn tigi deciza l-eccezzjoni ulterjuri;

Semghet ix-xhieda ulterjuri li tressqu mis-socjeta' konvenuta Cargo Handling Company Limited;

Rat il-verbal tat-13 ta' Jannar 2000 fejn wara li l-attur rrimetta ruhu ghall-provi, il-kawza thalliet ghall-lum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu. Aktar tard deher l-avukat tas-socjeta' konvenuta li nforma 'l Qorti li bhala provi dawn kienu ngabru pero' talab il-fakolta' li jipprezenta nota ta' osservazzjonijiet u li ghal dan il-fini kellu jaghmel talba b'rikors. La sar dan ir-rikors u lanqas in-noti msemmija.

Ikkunsidrat li mill-provi jirrizulta li s-socjeta' attrici importat Malta merkanzija fliexken li kellu jigi ttrasportat mis-socjeta' konvenuta Sea Malta Company Limited fuq M.V. Pinto skond polza ta' kariku numru 113 tat-13 ta' Lulju 1991. Jirrizulta li l-vapur dahal Malta bil-merkanzija <u>de quo</u> fl-14 ta' Lulju 1991 u li din giet skarikata fis-16 ta' Lulju 1991. Irrizulta li, minn verifiki li saru, li hemm jammontaw 2028 flixkun, instabu miksurin. Is-socjeta' attrici kkwantifikat id-danni taghha fl-ammont komplessiv ta' tlett mija u wiehed u erbghin lira Maltija, wiehed u sebghin centezmu u tmien millezmi (Lm341.71c8m) a dannu tas-socjeta' attrici.

Illi mill-provi jirrizulta li l-hsara fil-merkanzija ma gratx abbord. Fil-fatt mit-"tally sheets" jirrizulta li din giet skarikata kollha minghajr hsara. Jirrizulta invece li l-hsara grat meta din il-merkanzija ghaddiet ghand is-socjeta' The Cargo Handling Company Limited. Fil-fatt, jirrizulta li din is-socjeta' konvenuta ma kkonsenjatx il-"pallets" kif irceviethom billi xi whud mill-fliexken gew iddanneggjati meta ghaddew fil-pussess u kustodja taghha.

Jirrizulta wkoll li l-Kaptan Ronald C. Vella kien kiteb lis-socjeta' speditrici li , "the crane driver hit a flatbed full of pallets with empty bottles causing the total breakage (of) two ot he pallets full of thes bottles" - ara ittra tat-13 ta' Lulju 1991, a fol. 51 tal-process. Issa dwar din il-"crane" u min seta' juzah, tirrizulta mix-xhieda almenu ta' Joseph Pace Bonello, delivery clerk tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited (ara xhieda tieghu in kontroezami, a fol. 122) li l-"gantry crane" jappartjeni lil din is-socjeta' konvenuta u li r-ragel li jsuqu jkun minn ta' din il-kumpanija wkoll. Dan ix-xhud tal-konvenut jikkonferma wkoll li f'parti mill-pallets kien hemm fliexken imkissrin.

Konsegwentement din il-Qorti ma tarax kif is-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited tista' tikkunsidra ruhha ezonerata minn dik li hija responsabbilta' meta hija ma kkonsenjatx il-"unit loads" kif irceviethom u meta l-hsara grat tort taghhom. Illi kwindi r-regolamenti invokati mill-istess socjeta' konvenuta fin-nota ta' eccezzjonijet ulterjuri taghha ma humiex applikabbli billi, kif irrizulta, hija rceviet il-merkanzija bla danni u li di piu' parti minna giet iddanneggjata waqt li mpjegati taghha uzaw il-"crane" biex ihottuha. Issa jekk l-istess socjeta' qeghda tallega li l-hatt sar minn haddiehor, mhux biss ma hemm l-ebda provi dwar dan imma anzi l-provi juru xort' ohra.

Fil-fehma tal-Qorti, billi l-merkanzija tingarr "at the sole risk of the owner" ma jfissirx li allura s-socjeta' konvenuta m'ghandhiex lanqas l-obbligu li tiehu kura tal-merkanzija "uti bonus paterfamilias" u lanqas ma jfisser li l-Artikolu 90 citat mill-eccipjenti socjeta' The Cargo Handling Company Limited li, ghaliex il-merkanzija tkun "in the open" allura b'dan jaghtiha xi immunita' minn kwalsiasi proceduri "erga omnes" anki fil-kaz li jirrizulta li l-hsarat gew ikkaggjonati dolozament jew kolpozament mill-impjegati

taghha - u f'dan il-kaz hekk irrizulta, ta' lanqas fuq bazi kolpuza ta' negligenza jew imperizja. Illi fil-meritu ghalhekk, anki l-eccezzjonijiet originali tal-istess socjeta' konvenuta huma infondati. Ghalhekk is-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" ghandha tigi ritenuta responsabbli ghad-danni sofferti mis-socjeta' attrici, li rrizultaw sufficjentement ipprovati kif mitlub fl-att tac-citazzjoni.

Ghal dawn ir-ragunijiet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tirrespingi l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited, tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront biss tal-istess socjeta' konvenuta u dan ghall-ammont mitlub fic-citazzjoni u filwaqt li tillibera lis-socjeta' konvenuta l-ohra, is-Sea Malta Company Limited, tikkundanna lis-socjeta' The Cargo Handling Company Limited li thallas l-ammont ta' Lm341.71c8m, bl-interessi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni sal-hlas effettiv.

Il-kap tal-ispejjez ikun a kariku tas-socjeta' konvenuta The Cargo Handling Company Limited.

**ONOR IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md